MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 364/2012

**James Borg**
**Vs**
**John Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Mejju, 2012 fejn l-attur talab is-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) rapprezentanti hlasijiet ta' xoghol li ghamel l-attur fir-restaurant 'Da Rosi Restaurant' fi Triq il-Knisja San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Permezz ta' risposta pprezentata fil-25 ta' Mejju, 2012 il-konvenut eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni skond l-Artiklu 2147/2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju illi kull ammont dovut ilu li thallas.

Xehed James Borg li qal li beda jahdem mal-konvenut fit-2 ta' Ottubru, 2007 u gie mwaqqaf fit-28 ta' Frar, 2011 pero l-konvenut kien ilu xahar illi nforma lil ETC

li l-attur twaqqaf mix-xoghol. Wara li gie mwaqqaf mix-xoghol l-attur mar il-*Labour Office* biex jara xi jrid jaghmel u hemmhekk infurmawh illi l-konvenut kien lest jaghmel korrezzjoni fl-FS3 pero ma jghatix dak li kien dovut.

It-Tribunal wara li semgha lill-attur u ra d-dokumenti pprezentati, wara li ra xi tghid il-ligi f'dan ir-rigward jaqta' u jiddecidi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------